

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ksieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B**

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 464/1999

tat-3 ta' Marzu 1999

li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/96 fir-rigward ta' arranġamenti ta' l-għajnuna għall-pruna

(ĠU L 56, 4.3.1999, p. 8)

Emendata minn:

				Ġurnal Uffiċjali		
				Nru	Paġna	Data
► M1	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2198/2003 tas-16 ta' Diċembru 2003		L 328	20	17.12.2003	



IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 464/1999

tat-3 ta' Marzu 1999

li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/96 fir-rigward ta' arranġamenti ta' l-għajnuna għall-pruna

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2201/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-prodotti pproċessati mill-frott u l-ħxejjex ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2199/97 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 3(3) u 4 (9) tiegħu

Billi t-Titolu I tar-Regolament (KE) Nru 2201/96 jintroduċi sistema ta' għajnuna ta' produzzjoni għal ċerti prodotti pproċessati mill-frott u l-ħxejjex; billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 504/97 tad-19 ta' Marzu 1997 li jipprovdi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/96 fir-rigward tas-sistema ta' għajnuna ta' produzzjoni għall-prodotti pproċessati mill-frott u l-ħxejjex ⁽³⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1590/98 ⁽⁴⁾, jipprovdi regoli ġenerali applikabbli għal dik is-sistema; billi ċerti regoli dettaljati għandhom ikunu stabbiliti speċifikament għall-pruni, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet l-oħra tar-Regolament (KE) Nru 504/97;

Billi l-frott jista' jkun ta' kwalità li tvarja; billi l-prezz minimu u l-għajnuna tal-produzzjoni għandhom ikunu ffixati għall-klassi speċifika ta' tqegħid fis-suq, l-ammonti applikabbli għall-klassijiet l-oħra għandhom joħorġu minn dik il-klassi u dawk il-klassijiet għandhom ikunu definiti waqt li jingħata kont, għall-ammonti hekk maħruġa, għall-karatteristiċi tal-klassijiet differenti;

Billi l-għan tal-ħtiġiet minimi ta' kwalità li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 4(4)(b) tar-Regolament (KE) Nru 2201/96 huwa li tiġi evitata l-produzzjoni ta' prodotti li ma teżisti l-ebda domanda għalihom jew prodotti li joħolqu tgħawwiġ tas-suq; billi dawk il-ħtiġiet għandhom ikunu bbażati fuq proċeduri ta' manifattura tradizzjonali u ġusti; billi, biex ikun assigurat it-tħaris ta' dawn id-disposizzjonijiet, il-karatteristiċi minimi meħtieġa ta' għanbaqar imqadda mixtrija għall-ipproċessar u pruni li jikkwalifikaw għall-għajnuna għandhom jiġu definiti;

Billi dan ir-Regolament jinkorpora disposizzjonijiet speċifiċi għall-pruna fl-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1709/84 tad-19 ta' Ġunju 1984 dwar il-prezzijiet minimi mħallsa lill-produtturi u l-ammonti ta' għajnuna tal-produzzjoni għal ċerti frott u ħxejjex ipproċessati eliġibbli għall-għajnuna tal-produzzjoni ⁽⁵⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1591/98 ⁽⁶⁾, u r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2022/85 tat-22 ta' Lulju 1985 dwar il-ħtiġiet minimi ta' kwalità għall-għanbaqar imqadded u pruna eliġibbli għall-għajnuna tal-produzzjoni ⁽⁷⁾, l-aġġornar ta' dawk id-disposizzjonijiet b'konformità ma' l-iżviluppi legali, tekniċi u ekonomiċi u l-esperjenza miksuba; billi, għalhekk, ir-Regolament (KEE) Nru 2022/85 u l-Artikolu 3 ta' u l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1709/84 għandhom jiġu mħassra;

Billi meta prodotti jitkabbru fi Stat Membru wiehied u jiġu pproċessati f'ieħor l-awtoritajiet ta' l-Istat Membru fejn il-prodotti jkunu mkabbra għandu jipprovdi xhieda tal-ħlas tal-prezz minimu lill-Istat Membru li jħallas l-għajnuna;

⁽¹⁾ ĠU L 297, 21.11.1996, p. 29.

⁽²⁾ ĠU L 303, 6.11.1997, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 78, 20.3.1997, p. 14.

⁽⁴⁾ ĠU L 208, 24.7.1998, p. 11.

⁽⁵⁾ ĠU L 162, 20.6.1984, p. 8.

⁽⁶⁾ ĠU L 208, 24.7.1998, p. 14.

⁽⁷⁾ ĠU L 191, 23.7.1985, p. 31.

▼B

Billi l-prezz minimu u l-għajnuna huma ffissati għall-prodotti mqadda fi stadju speċifiku fil-proċess tradizzjonali ta' l-ipproċessar; billi għandha tingħata attenzjoni biex jiġi assigurat li l-pruna li tkun irċeviet l-għajnuna tkun attwalment ipproċessata fi prodotti mlestija biex jiġu offruti għall-konsum uman; billi, minħabba l-iżviluppi reċenti ta' pruna semi-mqadda u l-potenzjal ekonomiku konsiderevoli tagħha, daww il-prodotti li ma jgħaddux minn dak it-tnixxif bħala parti mill-ipproċessar tagħhom m'għandhomx għal dik ir-raġuni jiġu mċaħħda mid-dritt għall-għajnuna;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Frott u l-Ħejjex,

ADOPTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament:

- (a) "*prunes d'Ente*" tfisser għanbaqar frisk tal-varjetà *prunes d'Ente* li mmatura fiżjoloġikament, u ta' l-ispeċi *Prunus domestica* L."
- (b) "għanbaqar imqadded" tfisser prodott miksuba bit-tneħħija ta' l-ilma mill-*prunes d'Ente*;"
- (c) "pruna niexfa" tfisser pruna miksuba minn għanbaqar imqadded b'kontenut massimu ta' ilma ta' 23 %;"
- (d) "pruna semi-niexfa" tfisser pruna miksuba bit-tneħħija ta' l-ilma mill-*prunes d'Ente* sakemm il-kontenut ta' l-ilma ta' 30 sa 35 % jintlaħaq, mingħajr ebda proċess ta' żieda ta' ilma;"
- (e) "lott" tfisser numru ta' kontenituri preżentati flimkien minn produttur jew grupp ta' produtturi li għandhom dak l-għarfien għall-aċċettazzjoni minn proċessatur."

▼M1

Artikolu 2

Biex tikkwalifika għall-ħlas ta' għajnuna li hemm riferenza għalih fl-Artikolu 6a tar-Regolament (KE) Numru 2201/96, il-pruna jrid ikollha l-karatteristiċi stabbiliti f'L-Anness I (B) u kienu miksuba minn għanbaqar mnixxa li jkollhom il-karatteristiċi stabbiliti f'L-Anness I (A) li għalihom tħallas prezz minimu sħiħ fuq il-bażi ta' kwantitajiet miksuba b'xejn mill-iskart.

▼B

Artikolu 3

1. Il-prezz minimu li għandu jitħallas lill-produtturi għall-għanbaqar imqadded u l-għajnuna tal-produzzjoni għall-pruna għandhom ikunu ffissati kull 100 kilogramma netta għall-prodotti b'kontenut massimu ta' l-ilma ta' 23 % fil-kategorija tad-daqs li tikkorrispondi ma' 66 frotta kull 500 g.

Għall-kategorijiet tad-daqs l-ieħor il-prezz minimu u l-għajnuna għandhom jiġu mmultiplikati b'wieħed mill-koeffiċjenti elenkati fl-Anness II.

2. Għall-iskop ta' l-applikazzjoni tal-prezz minimu u ta' l-għajnuna tal-produzzjoni għall-pruna semi-niexfa, id-daqs u l-piż għandhom jittieħdu bħala d-daqs u l-piż ekwivalenti għall-għanbaqar imqadded u pruna niexfa, bid-daqs jiġi mmultiplikat b'1,18461 u l-piż b' 0,84416.

Artikolu 4

Meta l-ipproċessar isir barra mill-Istat Membru li fih ikun tkabbar il-prodott, dak l-Istat Membru għandu jagħti xhieda lill-Istat Membru li jħallas l-għajnuna tal-produzzjoni li l-prezz minimu li għandu jitħallas lill-produttur ikun tħallas.

▼B*Artikolu 5*

1. Il-verifika tal-ħtiġiet tal-kwalità għall-pruna niexfa għandha titwettaq fuq il-bażi ta' kampjuni meħuda mill-proċessatur minn lott, qabel l-għażla skond il-qisien u bi qbil mal-produttur. Il-kampjuni għandhom jiġu eżaminati kemm mill-proċessatur u wkoll mill-produttur u r-risultati tal-verifika għandhom jiġu rekordjati.

2. Għall-pruna matul il-perjodu ta' l-ipproċessar il-proċessatur għandu jivverifika billi jieħdu kampjun ta' kull lott li l-prodoti jilħqu l-ħtiġiet tal-kwalifika għall-għajjnuna. Ir-risultati tal-verifika għandhom jiġu rekordjati Il-piż minimu nett ta' kull kampjun eżaminat għandu jkun ta' 1 kg.

▼M1*Artikolu 6*

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex ikunu sodisfatti, partikolarment billi jiċċekkjaw ir-rekords dwar l-istokk, li l-kwantitajiet globali mqiegħda fis-suq jew miżmum bħala stokk minn kull min jipproċessa, jaqblu mal-kwantitajiet li għalihom tħallset l-għajjnuna.

▼B*Artikolu 7*

L-Artikolu 3 ta' u l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1709/84 u r-Regolament (KEE) Nru 2022/85 huma b'dan imħassra.

Artikolu 8

Dan ir-Regolament għandu jkun japplika mis-sena tas-suq 1999/2000.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.



ANNESS I

Parti A. Ħtiġiet minimi ta' kwalità għall-għanbaqar imqadded

I. KARATTERISTIĊI MINIMI

1. L-għanbaqar imqadded għandu jkun ta' kwalità tajba u ta' kondizzjoni ġusta biex jitqiegħed għall-kummerċ u tajjeb għall-ipproċessar.
2. Għanbaqar imqadded għandu jkollu kontenut massimu ta' l-ilma ta' 23 %, apparti milli għall-frott intiż għall-produzzjoni ta' pruna semi-niexfa, li għandu jkun fih kontenut ta' l-ilma bejn 30 u 35 %.
3. L-għanbaqar imqadded għandu jkun ta' daqs li jikkorrispondi għall-anqas minn 105 għanbaqra kull 500 g, apparti milli għall-produzzjoni ta' pruna semi-niexfa li d-daqs tagħha għandu jikkorrispondi għall-anqas minn 81 għanbaqra kull 500 g.
4. Il-frott għandu jkun:
 - (a) immixxef sewwa, tajjeb, jiġifieri, ħieles mill-moffa, tħassir, insetti, sew jekk ħajjin jew mejtin, u l-ħmieġ ta' l-insetti;
 - (b) imlaħħam, nadif u ħieles mill-ħmieġ;
 - (ċ) ħieles minn irwejjaħ u minn togħmiet barranin;
 - (d) prattikament ħieles minn difetti u ħala.

II. TOLLERANZI

It-tolleranzi li ġejjin huma permissibbli

1. **Għanbaqar imqadded għall-użu industrijali:**
 - (a) 0,3 % skond il-piż ta' ħala
 - (b) 100 % tal-frott b'difetti żgħar u/jew serji
 - (ċ) 10 % skond il-piż tal-frott b'difetti serji ħafna
 - (d) 5 % tal-frott ta' daqs li jikkorrispondi ma' 105 għanbaqra jew aktar kull 500 g
2. **Għanbaqar imqadded ieħor**
 - (a) 0,2 % skond il-piż ta' ħala
 - (b) 0,5 % skond il-piż tal-frott b'difetti serji ħafna
 - (ċ) 7,5 % skond il-piż tal-frott b'difetti serji jew serji ħafna
 - (d) 15 % skond il-piż tal-frott b'difetti

III. DIFETTI

Id-difetti jaqgħu fi tliet kategoriji:

- difetti żgħar, li huma difetti żgħar tal-qoxra,
- difetti serji, li huma prinċipalment difetti serji tal-qoxra,
- difetti serji ħafna, li huma prinċipalment difetti fejn il-polpa tkun saritilha ħsara,

Id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

1. Difetti żgħar

- (a) *Qsim jew xquq terminali*

Xquq fil-qoxra aktar minn 10 mm iżda mhux aktar minn 15 mm fit-tul fit-tarf oppost għall-kavità taz-zokk.

- (b) *Toqob żgħar fil-qoxra*

Qoxra mqatta', bil-ħsara jew nieqsa, jew matul wiċċ egwali għal jew anqas minn 7 mm tul u aktar minn 3 mm wisa' bil-polpa mhux ħierġa mit-tiċrita jew matul wiċċ aktar minn 7 mm twil iżda anqas minn 3 mm wisa' bil-polpa tibqa' tidher.

- (ċ) *Tiċrit minħabba s-silġ, tal-wiċċ miġmugħ li flimkien jeċċedu d-dijametru ta' 3 mm*

Tbajja' kkawżati mis-silġ tal-wiċċ miġmugħ li flimkien ma jeċċedux dijametru ta' 10 mm.

▼B

- (d) *Irqajja griżi, mil-lewn is-sadiid jew skorċa, tal-wiċċ miġmugħ li flimkien jeċċedu d-dijametru ta' 6 mm*

Dan id-diffett jikkonsisti fi twebbis tal-qoxra, li jikkawża rqajja' ta' diversi forom tal-wiċċ li flimkien ma jeċċedux dijametru ta' 20 mm.

2. Difetti serji

- (a) *Difett ta' konsistenza*

Dan l-effett huwa normalment dovut għall-maturità insuffiċjenti, li tirriżulta f'kulur difettuż bil-polpa ratba bil-qoxra kkaratterizzata b'diversi tikmix baxx.

- (b) *Qsim minħabba tfaqqiegħ*

Qsim mhux terminali dovut minħabba t-faqqiegħ tal-frott, segwit bil-fejqa mil-polpa li tisbroffa li tibbies iżżejjed, f'tul li jeċċedi l-10 mm.

- (c) *Qsim terminali*

Qsim fil-quċċata li jeċċedi t-tul ta' 15 mm.

- (d) *Toqob*

Tiċrit, ħsara jew qoxra nieqsa fil-wiċċ akbar minn dik indikata fil-klassifikkazzjoni ndikata bħala difett żgħir.

- (e) *Frott parzjalment mgħaffegħ*

Frott parzjalment mgħaffegħ, partijiet tal-frott jew frott serjament bla forma bil-polpa tidher.

- (f) *Tiċrit dovut għas-silġ*

Tiċrit dovut għas-silġ, b'marki matul il-wiċċ li flimkien jeċċedu d-dijametru ta' 10 mm.

- (g) *Irqajja' griżi, mil-lewn is-sadiid u qxur*

Irqajja' ħoxnin iebsin matul il-wiċċ li flimkien jeċċedu d-dijametru ta' 20 mm.

- (h) *Xquq*

Xquq ta' aktar minn 15 mm fit-tul fin-naħa opposta taz-zokk jew xquq fondi li jikxfu l-għadma.

- (i) *Diformazzjoni minħabba tixwit tax-xemx*

Diformazzjoni serji dovuti minħabba tixwit tax-xemx li prattikament jirriżultaw f'nuqqas ta' polpa f'parti ta' naħa waħda tal-frott, bil-qoxra mwaħħla bla tikmix ma' l-għadma.

3. Difetti serji ħafna

- (a) *Frott karamelizzat*

Frott karamelizzat bi sħana żejda, li juri kulur oskur tal-polpa jew ħofor bejn il-qoxra u l-polpa.

- (b) *Frott attakkat mill-monilja*

Frott b'irqajja' ċari kkawżati minn attakk tal-monilja, imwaqqaf bit-tnixxif, bil-ħsara fil-qoxra

- (c) *Frott maħmuġ*

Frott imħammeġ bil-preżenza ta' materja barranija (speċjalment ħamrija) li jista' jitneħħa.

- (d) *Frott mgħaffegħ għal kollox*

Frott mgħaffegħ għal kollox jew partijiet tal-frott

4. Skart

L-espressjoni "skart" hija użata biex tfisser kull materjal li ma jistax, minħabba n-natura jew il-kondizzjoni tiegħu, jiġi offrut għall-konsum uman jew li, jekk jibqa' mħallat mal-frott l-ieħor ikun x'ikun l-użu finali tiegħu, jista':

— inaqas il-kwalitajiet tiegħu li jżomm fit-tul,

— ikerrah id-dehra tiegħu,

— jittrasmetti toġhma mhix aċċettabbli, jew riħa jew difetti oħra fih.

Dawn li ġejjin huma meqjusa bħala "skart":

- (a) *frott li jkollu moffa attiva*

Frott li jkollu moffa li tkun qiegħda tinxtered

- (b) *Frott moniljat u mmummifikat*

Frott individwali jew frott kompattat jew imwaħħal flimkien, bil-polpa tkun distrutta jew immummifikata bl-iżvilupp shif tal-monilja.

▼B(c) *Frott imħassar*

Frott li mhux tajjeb għall-ikel minħabba li huwa mħassar jew distrutt b'mikro-organiżmi (ħmira, moffa batterja).

(d) *Frott infestat bl-insetti jew dud*

Frott infestat b'perti ma' dud ħajjin jew mejta (insetti u dud f'kull stadju taċ-ċiklu bijoloġiku tagħhom) jew bi ħmieġ ta' l-insetti.

(e) *Frott miksi bil-ħamrija jew kostitwenti oħra tal-ħamrija*(f) *Frott maħruq*

Frott maħruq bis-sħana żejda, li jikkexx ħofor bejn il-polpa u l-għadma, jew tinfieħ karatteristiku li jagħti l-forma ta' għanbaqar frisk.

(g) *Materjal barrani*

Partijiet individwali tal-frotta li mhux tajbin għall-ikel, għadam jew bċejjeċ tal-qoxra jew bċejjeċ jew materjal barrani bħal ma huma weraq, zkuk u xi materjal ieħor tal-pjanti, kostitwenti tal-ħamrija bħal ma hija l-ħamrija jew il-ġebel.

Parti B: Ħtiġiet minimi ta' kwalità għall-pruna**I. KARATTERISTIĊI MINIMI**

1. Il-pruna għandha tkun miksuba minn għanbaqar imqadded bil-karatteristiċi stabbiliti fil-Parti A.
2. Il-pruna għandha jkollha kontenut massimu ta' l-ilma ta' 23 %, apparti milli għall-pruna semi-niexfa, li għandha jkollha kontenut ta' l-ilma ta' bejn 30 u 35 %.

▼M1

3. L-ammonti tal-pruna għandhom jiġu ċċekkjati minn min jipproċessa meta jaslu fil-post tiegħu, fil-preżenza ta' rappreżentant ta' l-organizzazzjoni tal-produtturi, u għandhom ikunu gradadi skond il-qies sakemm ma jkunux maħsuba għall-użu industrijali.

▼B

4. Il-pruna għandha tkun:

- intatta, sħiħa, bil-polpa, nadifa, ħielsa mill-moffa, tħassir u skart,
- prattikament ħielsa minn tbajja' li jistgħu jħassru l-kwalità jew id-dehra tal-prodott,
- ħielsa mill-insetti, sew ħajjin jew mejtin, u l-ħmieġ ta' l-insetti,
- ħielsa minn kull riħa jew toġhma mhux normali,
- ta' daqs li jikkorrispondi għal anqas minn 105 pruna kull 500 g, bl-eċċezzjoni ta' pruna semi-niexfa, li għaliha n-numru ta' frott għandu jkun anqas minn 81 pruna kull 500 g.

II. IT-TOLLERANZI

1. *Pruna għall-użu industrijali*
 - (a) 100 % tal-frott b'difetti żgħar u/jew serji
 - (b) 10 % skond il-piż tal-frott b'difetti serji ħafna
 - (c) 5 % tal-frott ta' daqs li jikkorrispondi ma' 105 pruna jew aktar kull 500 g
2. *Pruna semi-niexfa*
 - (a) 0,3 % skond il-piż tal-frott b'difetti serji ħafna
 - (b) 5 % skond il-piż tal-frott b'difetti serji jew serji ħafna
 - (c) 10 % skond il-piż tal-frott b'difetti
3. *Pruna oħra*
 - (a) 0,5 % skond il-piż tal-frott b'difetti serji ħafna
 - (b) 7,5 % skond il-piż tal-frott b'difetti serji jew serji ħafna
 - (c) 15 % skond il-piż tal-frott b'difetti

III. DIFETTI

Il-Parti A hija applikabbli biex jiġi stabbilit kemm ikunu serji d-difetti.



ANNEX II

Koeffiċjenti li hemm referenza għalihom fl Artikolu 3

Daqs	Numru ta' għanbaqar jew pruni mqadda kull 500 g	Koeffiċjenti
104	Minn 103 sa anqas minn 105	0,65458
102	Minn 101 sa anqas minn 103	0,67276
100	Minn 99 sa anqas minn 101	0,69094
98	Minn 97 sa anqas minn 99	0,70912
96	Minn 95 sa anqas minn 97	0,72730
94	Minn 93 sa anqas minn 95	0,74548
92	Minn 91 sa anqas minn 93	0,76366
90	Minn 89 sa anqas minn 91	0,78184
88	Minn 87 sa anqas minn 89	0,80002
86	Minn 85 sa anqas minn 87	0,81820
84	Minn 83 sa anqas minn 85	0,83638
82	Minn 81 sa anqas minn 83	0,85456
80	Minn 79 sa anqas minn 81	0,87274
78	Minn 77 sa anqas minn 79	0,89092
76	Minn 75 sa anqas minn 77	0,90910
74	Minn 73 sa anqas minn 75	0,92728
72	Minn 71 sa anqas minn 73	0,94546
70	Minn 69 sa anqas minn 71	0,96364
68	Minn 67 sa anqas minn 69	0,98182
66	Minn 65 sa anqas minn 67	1,00000
64	Minn 63 sa anqas minn 65	1,05881
62	Minn 61 sa anqas minn 63	1,07771
60	Minn 59 sa anqas minn 61	1,09662
58	Minn 57 sa anqas minn 59	1,11552
56	Minn 55 sa anqas minn 57	1,13443
54	Minn 53 sa anqas minn 55	1,15333
52	Minn 51 sa anqas minn 53	1,17224
50	Minn 49 sa anqas minn 51	1,19114
48	Minn 47 sa anqas minn 49	1,21005
46	Minn 45 sa anqas minn 47	1,22895
44	Minn 43 sa anqas minn 45	1,24786
42	Minn 41 sa anqas minn 43	1,26676
40	Minn 39 sa anqas minn 41	1,28567
38	Minn 37 sa anqas minn 39	1,30458
36	Minn 35 sa anqas minn 37	1,32348
34	Minn 33 sa anqas minn 35	1,34239
32	Anqas minn 33	1,36129

Għall-għanbaqar imqadded u pruna niexfa għall-użu industrijali irrispettivament mid-daqs tagħhom, il-koeffiċjent li għandu jkun applikat huwa 0,4000.